

## RETTIFIKA

**Rettifika tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1385/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 u (KE) Nru 1224/2009, u r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1379/2013 u (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, wara l-emenda tal-istatus tal-Majott fir-rigward tal-Unjoni Ewropea**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 354 tat-28 ta' Diċembru 2013)*

Fil-paġna 88, l-Artikolu 3 (li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1380/2013), il-punt 2,

*minflok:* “(2) Fl-Artikolu 36, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

‘5. B’deroga mill-paragrafu 1, Franza għandha tkun eżentata sal-31 ta’ Diċembru 2021 mill-obbligu li tinkludi fir-reġistru tagħha ta’ bastimenti tas-sajd tal-Unjoni dawk il-bastimenti li għandhom tul-komplessiv ta’ inqas minn 10 metri u li joperaw mill-Majott.

6. Sal-31 ta’ Diċembru 2021, Franza …’”,

*aqra:* “(2) Fl-Artikolu 36, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

‘4. B’deroga mill-paragrafu 1, Franza għandha tkun eżentata sal-31 ta’ Diċembru 2021 mill-obbligu li tinkludi fir-reġistru tagħha ta’ bastimenti tas-sajd tal-Unjoni dawk il-bastimenti li għandhom tul-komplessiv ta’ inqas minn 10 metri u li joperaw mill-Majott.

5. Sal-31 ta’ Diċembru 2021, Franza …’”

**Rettifika għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/390 tal-11 ta’ Novembru 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta’ standards tekniċi regolatorji dwar ċerti rekwiżiti prudenzjali għal depożitorji ċentrali tat-titoli u iċċituzzjonijiet ta’ kreditu ddeżinjati li joffru servizzi anċillari ta’ tip bankarju**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 65 tal-10 ta’ Marzu 2017)*

Fpaġna 17, fl-Artikolu 6(1)(a)(iii):

*minflok:* “(iii) id-dħul nett mistenni wara t-taxxa għas-sena finanzjarja l-iktar il-bogħod fiż-żmien li għaliha ma jkunux disponibbli riżultati awditjati;”;

*aqra:* “(iii) id-dħul nett mistenni wara t-taxxa għas-sena finanzjarja preċedenti li għaliha ma jkunux għadhom disponibbli riżultati awditjati;”;

Fpaġna 32, fl-Artikolu 26(1):

*minflok:* “1. Fornitur ta’ servizzi bankarji-CSD għandu jkollu proċeduri ta’ rimborż effettivi ta’ kreditu ta’ matul l-istess jum, li jikkonformaw mar-rekwiżiti fil-paragrafi 2 u 3.”;

*aqra:* “1. Fornitur ta’ servizzi bankarji-CSD għandu jkollu proċeduri ta’ rimborż effettivi ta’ kreditu ta’ matul l-istess jum, li jikkonformaw mar-rekwiżiti fil-paragrafi 2.”;